**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D**

Citazzjoni numru 13/97

Illum 22 ta' Jannar 2002

IL-PULIZIJA
(Spettur Pierre Micallef Grimaud)

VS

DOMINIC AZZOPARDI

**IL-QORTI**

Rat ic-citazzjoni in ezami li biha l-imputat gie akkuzat talli fid-19 ta' Gunju, 1996 ghal habta tal-11.30 p.m. gewwa Ta' Giorni san Giljan:

1. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin jew waddabhom jew qabad armi ohra (senter, ghamla Fabarm serial number 143768) kontra Claude Meilak, Aldo Cardona, Joseph Sammut, Richard Galea, Robert Azzopardi, Glenn Spiteri u Noel Azzopardi.

2. Hedded lill imsemmija persuni bil-kliem.

3. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

4. Kellu f’idejh arma tan-nar jew munizzjon mhux f’fond jew f’post imnizzel f’licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u b’hekk gie li zamm arma jew munizzjon (senter, ghamla Fabarm serial number 143769) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

5. Waqt li kellu f’idejh jew fuqu l-imsemmija arma fil-kustodja tieghu naqas li jzommha b’mod li ma kienitx tista tigi f’idejn haddiehor.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex f’kaz ta’ htija tikkonfiska l-imsemmija arma.

Rat id-digriet moghti mill-Qorti kif diversament preseduta (fol 3 u 5 tal-atti).

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja (fol 16 tal-atti).

Rat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (ara fol 14 u 15 tal-process).

Semghet lill-imputat jiddikajra li ma hux hati tal-akkuzi (fol 14 u 15 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-istess akkuzat.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-19 ta’ Gunju, 1996 ghall-habta tal-11.30 p.m., il-pulizija fl-ghassa ta’ san Giljan, giet informata li fil-lokalita maghrufa

bhala Ta’ Giorni, kien inqala incident bejn xi nies u li fih kien hemm involuti “xi armi”. Ghalhekk PS 621 Pierre Calleja (fol 19 u 34 ibid) akkumpanjat minn PC 293 Maurice Laferla u PC 515 Jason Schembri, kien mar fuq il-post tal-incident. Hawnehkk l-istess pulizija gew informati minn Claude Meilak, Aldo Cardona, Joseph Sammut u Richard Galea li Dominic Azzopardi, l-akkuzat, kien “beda joffendihom bit-taljani taghhom” wara li l-istess akkuzat kien hareg fil-gallerija tal-appartament tieghu fl-inhawi. In oltre, l-akkuzat kien hedded lill-istess erba’ persuni b’senter isserrat f’idejh.

Meta PS 621 Pierre Calleja tkellem mal-akkuzat, dan kien cahad li kien uza xi arma waqt l-incident in ezami. Pero vicin is-sodda tal-akkuzat, l-istess ufficjal tal-pulizija kien sab senter fil-‘pocket’ tieghu, izda mhux isserrat.

Hawnhekk l-akkuzat kien urieh ‘xi licenzja’ li pero, ma setax jiftakar ta’ liema tip kienet. Minhabba l-premess, l-akkuzat kien gie arrestat. (Ara wkoll ix-xhieda tal-imsemmi PC 393 Maurice Laferla a fol 22 et seq ibid u ta’ PC 515 Jason Schembri a fol 25 et seq ibid). In oltre, l-isemmi senter gie esebit u jinsab anness ma’ dawn l-atti mmarkat bhala Dok PC1.

Ikkunsidrat

Illi in rigward dan l-incident, gew prodotti sabiex jixhdu Claude Mielak u Richard Galea (fol 27 u 29 et seq tal-atti rispettivament).

Illi Claude Meilak spjega li wara loghba football bejn skwadri barranin, hu kien mar akkumpanjat mit-tfal tieghu, vicin bandli li hemm fil-lokalita sabiex joqghod jitkellem ma’ nies ohrajn fuq l-istess l-loghba.

Hawnhekk l-akkuzat kien dendel bandiera ingliza fuq il-gallerija tal-appartament tieghu waqt li beda jghajjat u joffendi lix-xhud u shabu, sosteni turi tal-iskwadra tal-Italja.

Wara li l-akkuzat rega irrepeta dan, ix-xhud ra lill-istess akkuzat hiereg mill-bieb tal-appartament fejn joqghod, b'senter f'idejh u jaghjjat anke bl-uzu ta' kliem oxxen. Ix-xhud sostna li hu u l-akkuzat kienu hbieb u qatt ma kien hemm xi nkwiet bejnithom u fil-fatt spicca billi hafer lill-akkuzat.

Illi in rigward <u>Richard Galea</u> qal li wara l-istess loghba football, hu kien mar fl-imsemmija lokalita ghall-habta tal-11.20 p.m. fejn kien hemm xi tmienja minn nies fosthom ix-xhud precedenti. Hemmhekk, f'daqqa wahda, hu ra lill-akkuzat hiereg fl-imsemmija gallerija b'bandiera tal-Ingilterrra u wara li qal "ahna ghaddejna" beda jhedded lix-xhud u shabu.

Sussegwentement, l-akkuzat nizel isfel, din id-darba b'senter jew kanna li tixbah senter, f'idu. Meta ra hekk, ix-xhud telaq 'l hemm bil-girja.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-akkuzat (fol 38 et seq ibid) spjega, meta xehed, li wara l-istess l-loghba hu kien hareg bil-bandiera ingliza fil-gallerija sabiex jiccelebra r-rebha tal-iskwadra ingliza. F'daqqa wahda gew Claude Meilak u Richard Galea taht l-istess gallerija u bdew ikellmuh b'mod oxxen, oltre li stiednuh sabiex jinzel. Minhabba hekk hu wiegibhom lura bil-kliem. Inoltre, fl-istess gallerija harget ommu u qalet "lil dawk li kienu in-naha ta' isfel, ikellmuh kif spjegajt, sabiex ihalluh".

In rigward l-imsemmi senter hu spjega li kellu arma bhal din izda " ... kienet il-hin kollu fil-kamra tieghi" u qatt ma kien harigha fil-gallerija, kif allegaw Claude Meilak u Richard Galea. Di fatti hu sostna li din l-arma kien izommha fil-kamra tas-sodda tieghu fil-'pouch' taghha bil-kanna imsakkra. In oltre, hu sostna li kellu licenzja ghall-istess arma deskritta minnu bhala pjuttost twila li kienet tintuza minnu sabiex jispara fuq il-plattini.

Fl-ahhar nett, hu specifika li dan ma kienx l-ewwel incident bejnu u l-ohrajn.  Difatti kienu graw, bejnithom, xi incidenti ohrajn specjalment in rigward politika (ara ukoll ix-xhieda ta' omm l-akkuzat Giovanna Azzopardi a fol 46 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-akkuzi bin-numru erbgha (4) u hamsa (5) jidher li l-prosekuzzjoni ma pprovatx dawn l-akkuzi.  Di fatti l-istess arma hemm imsemmija, meta nstabet kienet fil-'pocket' taghha vicin is-sodda tal-akkuzat u ma kienitx isserrata.  In oltre, ma rrizultax illi, effettivament, l-istess arma kellha munizzjoni go fiha.

Hawnhekk jigi nnotat li l-akkuzat kien wera lill PS 621 Pierre Calleja 'xi licenzja'.

Ghalhekk l-akkuzat ma jistax jinstab hati ta' dawn l-akkuzi.

Illi l-akkuzat jichad li kien hareg fil-gallerija tar-residenza tieghu bl-istess senter f'idu, oltre li hedded lill-ohrajn bil-kliem.

In rigward dan, ghalhekk, il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' fatti konfliggenti bejnithom u minghajr xi prova ohra oggettiva u indipendenti mill-partijiet involuti.  B'hekk ma tistax tasal sabiex tikkonkludi li dak li xehedu l-partijiet lesi effettivament jirrifletti dak li verament gara fil-kaz in desamina.

Ghalhekk l-akkuzat ukoll ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) u it-tieni (2) akkuzi.

Illi in rigward it-tielet (3) akkuza ma hemm ebda dubbju li l-akkuzat ikkommetta ksur tal-bon ordni u paci pubblika.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tillibera lill-akkuzat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba (4) u mill-hames (5) akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tilliberah mill-istess akkuzi, issib

lill-akkuzat hati talli fil-lejl tad-19 ta' Gunju, 1996 ghal habta tal-11.30 p.m. gewwa Ta' Giorni san Giljan kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat l-artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali.

In rigward piena, il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat LM25 (hamsa u ghoxrin lira maltin) minghajr il-konfiska tal-arma in kwistjoni esebita in atti (PSP829).

Alan Calleja
Deputat Registratur

Vera Kopja Ghar-Registratur